

32001R1592

L 210/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.8.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1592/2001**tat-2 ta' Awissu 2001****li jikkorreġi r-Regolamenti (KE) Nru 562/2000 u (KE) Nru 690/2001 fis-setturi tal-laħam taċ-ċanga**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbikixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam taċ-ċanga u l-vitella (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1512/2001 (²) u b'mod partikolari l-Artikolu 38(2) u l-Artikolu 47(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 562/2000 (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1082/2001 (⁴), jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KE) Nru 1254/1999 rigward ix-xiri għall-ħażna tal-laħam taċ-ċanga. B'mod partikolari, l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 562/2000 jistabbi-líxxi l-kondizzjonijiet li għandhom jintlaħqu għall-offerti.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2001 tat-3 ta' April 2001 dwar miżuri speċjali ta' appoġġ rigward is-suq fis-setturi tal-laħam taċ-ċanga (⁵) jipprovdha għax-xiri bl-offerta ta' ċerti kwalitatjet ta' laħam ċanga. B'mod partikolari, l-Anness II ma' dan ir-Regolament jistabbi-líxxi l-kondizzjonijiet li jridu jintlaħqu għall-offerti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' Awissu 2001.

(3) L-Artikolu 11(5)(c) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000 u l-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 690/2001 fihom żbalji tal-Isien fil-verżjoni Ingliża. Iż-żewġ Regolamenti interessati għandhom għalhekk jiġu emendati kif jixraq.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Maniġerjali tal-Laħam taċ-ċanga u tal-Vitella,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 11(5)(c) tar-Regolament (KE) Nru 562/2000, il-kliem "id-data tal-ġħeluq" għandu jinbidel bil-kliem "il-limitu taż-żmien":

L-Artikolu 2

Fil-punt 5 (c) ta' "L-OFFERTI" fl-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 690/2001, il-kliem "id-data tal-ġħeluq" għandu jinbidel bil-kliem "il-limitu taż-żmien":

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Għall-Kummissjoni
Frederik BOLKESTEIN
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 21.
 (²) ĠU L 201, tas-26.7.2001, p. 1.
 (³) ĠU L 68, tas-16.3.2000, p. 22.
 (⁴) ĠU L 149, tat-2.6.2001, p. 19.
 (⁵) ĠU L 95, tal-5.4.2001, p. 8.